2. Qabel ma japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiżgura li ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali ***jew għall-ordni pubbliku*** ta' dak l-Istat Membru. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali ***jew għall-ordni pubbliku***, l-Istat Membru benefiċjarju ***ma għandux japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu u*** għandu***,*** fejn ikun applikabbli***,*** jeskludi l-persuna ***mil-lista msemmija fl-Artikolu 49(2).***	2. Qabel ma japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiżgura li ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu ***individwali u speċifiku*** għas-sigurtà nazzjonali ta' dak l-Istat Membru***, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14(3)***. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali, l-Istat Membru benefiċjarju għandu fejn ikun applikabbli jeskludi l-persuna ***milli tiġi rilokata.***

Or. en

Emenda 2457
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.	***imħassar***
Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata skont l-Artikolu 49, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).	
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	

Or. en

Emenda 2458
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. ***Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati.*** Fejn il-persuna ***kkonċernata*** tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.	3. Fejn il-persuna ***li għandha tiġi rilokata*** tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. ***L-applikant għandu jkun infurmat u kkonsultat bis-sħiħ fil-proċedura ta' determinazzjoni ta' rabtiet sinifikattivi u għandu jkollu d-dritt li jikkontesta deċiżjoni. Fejn jeżistu rabtiet sinifikattivi kif definiti taħt dan ir-regolament f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-applikant għandu jkun jista' jiddeċiedi lejn liema Stat Membru għandu jiġi ttrasferit.*** Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Or. en

Emenda 2459
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, ***dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli,*** l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u ***l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni*** internazzjonali***, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens***	3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni ***f'ċentri ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb***, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati ***f'ċentri ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb***. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, ***l-Istat terz sieħeb ospitanti għandu permezz ta' ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar iqis*** l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u ***l-kultura, il-lingwa u r-reliġjon tal-Istat sieħeb li jkun qed jipprovdi l-kapaċità taċ-ċentru ta' akkoljenza. Għall-finijiet ta' dan ir-***

tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.	***Regolament, l-Istati Membri biss huma kompetenti biex jispeċifikaw jekk huwiex meħtieġ il-kunsens tal-benefiċjarju ta' protezzjoni*** internazzjonali ***li għandu jiġi rilokat f'ċentru ta' akkoljenza ta' pajjiż terz, u biex jilleġiżlaw għal dan il-għan jekk ikun meħtieġ***.

Or. en

Emenda 2460
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. ***Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha,*** dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta ***l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali,*** il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li ***dik il-persuna*** tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.	3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. ***L-applikant għandu jiġi infurmat u kkonsultat fil-proċess ta' determinazzjoni ta' rabtiet sinifikattivi, għandu jkollu l-opportunità li jippreżenta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti u għandu jkollu d-dritt ta' oġġezzjoni għal tali kategorizzazzjoni.*** Meta ***jeżistu rabtiet sinifikattivi f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-għażla tal-applikant għandha tipprevali. Meta ma jkunux jistgħu jiġu determinati rabtiet sinifikattivi, għandha tapplika l-proċedura fl-Artikolu 23b.*** Il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Or. en

Emenda 2461
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche,

Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. ***Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.***	3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 2462
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna	3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni***, bħall-kriterji msemmija fil-Kapitolu II, Parti III***.

kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Or. en

Emenda 2463
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. ***Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.*** Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna ***tkun tat*** il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.	3. ***Ir-rilokazzjoni tista' tapplika biss jekk il-persuna kkonċernata tkun diġà benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali.*** Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li ***l-Istat Membru kontribwenti kif ukoll*** dik il-persuna ***jkunu taw*** il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Or. en

Emenda 2464
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata skont l-Artikolu 49, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 2465
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata skont l-Artikolu 49, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 2466
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata ***skont l-Artikolu 49, l-Istat Membru*** benefiċjarju ***għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta*** msemmija fl-Artikolu ***49(2)***.	Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata***, il-koordinatur ta' rilokazzjoni tal-UE għandu jappoġġa l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru*** benefiċjarju ***għall-Istat Membru kontribwenti li jimplimenta l-obbligi tiegħu*** msemmija fl-Artikolu ***13a(d)***.

Or. en

Emenda 2467
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ***ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata skont l-Artikolu 49***, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija ***għall-Asil*** u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).	Fejn ***trid tiġi applikata r-rilokazzjoni lejn ċentri ta' akkoljenza ta' pajjiżi terzi***, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija ***għall-Ażil*** u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).

Or. en

Emenda 2468
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2469
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2470
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2471
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2472
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.	L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju ***huwa l-aktar li*** jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 2473
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3a. Kull Stat Membru għandu joħloq bażi tad-data tat-talbiet ta' protezzjoni internazzjonali mill-benefiċjarji, li ilhom residenti legalment fit-territorju tiegħu għal inqas minn sentejn u li esprimew ir-rieda tagħhom li jiġu rilokati fi Stat Membru ieħor. Kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jista' jesprimi sa żewġ preferenzi għall-Istati Membri li fihom jista' jiġi rilokat. Kull Stat Membru għandu jaġġorna regolarment il-bażi tad-data msemmija f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 2474
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kriterji uniformi għall-ġbir, iż-żamma u t-tħassir mill-Istati Membri tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u l-arranġamenti organizzattivi u operazzjonali għall-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni;

Or. en

Emenda 2475
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Meta jimplimenta l-miżuri ta' solidarjetà skont l-Artikolu 53(3), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih dwar l-attivazzjoni tal-proċedura ta' rilokazzjoni, lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali rreġistrati fil-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 1, abbażi tal-ordni kronoloġika ta' reġistrazzjoni. L-Istati Membri għandhom iqisu l-preferenzi espressi mill-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali. Il-benefiċjarji potenzjali ta' rilokazzjoni għandhom jesprimu l-kunsens tagħhom li jiġu rilokati fi żmien 7 ijiem wara li jkunu ġew infurmati, inkella jitqiesu bħala mhux eliġibbli għar-rilokazzjoni. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika għadd ta' benefiċjarji li jikkorrispondu għal dak stabbilit, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 53.

Or. en

Emenda 2476
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. pl

Emenda 2477
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2478
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2479
Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2480
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2481
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih	***imħassar***

lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 2482
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija fil-paragrafi 2 u 3.	5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ***li jorganizza r-rilokazzjoni fi Stat terz sieħeb*** malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Or. en

Emenda 2483
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija ***fil-paragrafi*** 2 ***u 3***.	5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija ***fil-paragrafu*** 2.

Or. en

Emenda 2484
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2485
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2486
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2487
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju ***skont il-paragrafu 5,*** u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ***tiegħu***.	6. L-Istat Membru ***li jorganizza r-rilokazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb*** għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ***tal-Istat terz sieħeb***. ***Jekk jiġi stabbilit li l-persuna tikkostitwixxi periklu, din għandha tiġi rritornata minnufih lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha.***

Or. en

Emenda 2488
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.	6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu ***kif ukoll għall-UE kollha***. ***Għal dan il-għan, l-Istat Membru jista' jwettaq intervista personali qabel ir-rilokazzjoni jekk ikun hemm xi tħassib dwar is-sigurtà fir-rigward tal-persuna kkonċernata.***

Or. en

Emenda 2489
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.	***imħassar***
Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ġimgħa lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna	

kkonċernata ma għandhiex isseħħ.

F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li għadd kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati f'dak iż-żmien, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru benefiċjarju fit-terminu oriġinali ta' ġimgħa.

In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi u l-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tal-informazzjoni, u jinvolvi l-obbligu li l-persuna tiġi rilokata, inkluż l-obbligu li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 2490
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu,*** l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.	7. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 2491
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.	7. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ***li jorganizza r-rilokazzjoni*** għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata ***f'ċentru ta' akkoljenza fi Stat terz sieħeb***.

Or. en

Emenda 2492
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ***ma jkunx*** hemm ***raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu***, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.	7. Fejn ***ikun*** hemm ***rabtiet familjari u rabtiet sinifikattivi oħra***, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 2493
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ġimgħa lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex issehħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2494
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ġimgħa lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex issehħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2495
Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu ***għas-sigurtà nazzjonali jew*** għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** għandu ***jinforma fi żmien ġimgħa lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha.*** F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex isseħħ.	Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu ***għall-Istat terz sieħeb li jospita ċentri ta' akkoljenza jew*** għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ***li jkollu l-kompitu li jorganizza r-rilokazzjoni*** għandu ***jħejji immedjatament għar-ritorn tal-persuna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha***.

Or. en

Emenda 2496
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ***ġimgħa*** lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex isseħħ.	Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ***xahar*** lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' data rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex isseħħ.

Or. pl

Emenda 2497
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li għadd kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati f'dak iż-żmien, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru benefiċjarju fit-terminu oriġinali ta' ġimgħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2498
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li għadd kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati f'dak iż-żmien, l-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ***ta' rilokazzjoni*** għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu ***li jipposponi tweġiba*** lill-Istat Membru benefiċjarju fit-terminu oriġinali ta' ġimgħa.	F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li għadd kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati f'dak iż-żmien, l-Istat Membru ***li jorganizza r-rilokazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb*** jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ***li jorganizza r-rilokazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb*** għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-Istat Membru benefiċjarju fit-terminu oriġinali ta' ġimgħa.

Or. en

Emenda 2499
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi u l-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tal-informazzjoni, u jinvolvi l-obbligu li l-persuna tiġi rilokata, inkluż l-obbligu li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-wasla.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2500
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn dak l-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2501

Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn dak l-Istat Membru.	8. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn dak l-Istat Membru ***u mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel it-trasferiment***.

Or. en

Emenda 2502
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. It-trasferiment ***tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni*** għandu jkun eżegwit ***skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3).***	9. It-trasferiment ***ta' kwalunkwe persuna minn Stat Membru lejn ċentru ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb*** għandu jkun eżegwit ***f'konformità mal-ftehim bilaterali jew multilaterali rilevanti ma' dak il-pajjiż terz.***

Or. en

Emenda 2503
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Artikoli 32(3), (4) u (5), l-Artikoli 33 u 34, l-Artikolu 35(1) u (3), l-Artikolu 36(2) u (3), u l-Artikoli 37 u 39 għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni.	10. L-Artikoli 32(3), (4) u (5), l-Artikoli 33 u 34, l-Artikolu 35(1) u (3), l-Artikolu 36(2) u (3), u l-Artikoli 37 u 39 għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni ***f'ċentri ta' akkoljenza ta' Stat terz sieħeb***.

Or. en

Emenda 2504
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta ***kundizzjonijiet*** uniformi ***għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni*** ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	11. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 68 dwar il-kundizzjonijiet għat-tħejjija ta' informazzjoni u dokumenti għall-fini ta' rilokazzjoni. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija għall-Asil u lill-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE.*** Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta ***proċeduri*** uniformi ***għas-sottomissjoni*** ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 2505
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2)***.	11. ***L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni elettronika għat-twettiq tar-rilokazzjonijiet.*** Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-Artikolu 40a***.

Or. en

Emenda 2506
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. ***Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi*** għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu ***adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2)***.	11. ***Il-kundizzjonijiet*** għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni għandhom jiġu ***deċiżi biss mill-Istati Membri sabiex ikunu kompletament kompatibbli ma' ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi li jospitaw ċentri ta' akkoljenza***.

Or. en

Emenda 2507

Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 58	***imħassar***
Proċedura wara r-rilokazzjoni	
evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel jiskadi t-terminu ***ta' [ħames] snin***.	evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel jiskadi t-terminu ***msemmi hawn fuq***.

Or. en

Emenda 2564
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tirrikjedi l-appoġġ mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 57a.

Or. en

Emenda 2565
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 71
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 71	***imħassar***
Emendi għad-Direttiva dwar ir-Residenza għat-Tul	

1. Id-Direttiva 2003/109/KE hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' tliet snin".

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat.)

Or. en

Emenda 2566
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' tliet snin.	Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali***, kif ukoll il-benefiċjarji tal-protezzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1954 dwar Persuni Apolidi***, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' tliet snin.

Or. en

Emenda 2567
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' ***tliet*** snin.	Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ***li mhumiex ospitati minn pajjiż terz fl-ambitu ta' ftehim ma' Stat Membru***, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' ***għaxar*** snin.

Or. en

Emenda 2568
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a
Direttiva 2003/109/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' ***tliet*** snin.	Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' ***ħames*** snin.

Or. en

Emenda 2569
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Emendi għar-Regolament (UE) ***XXX/XXX*** [Il-Fond ***għall-Migrazzjoni u l-Ażil***]	Emendi għar-Regolament (UE) ***2021/1147*** [Il-Fond ***għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni***]

Or. en

Emenda 2570
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) ***XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]*** huwa emendat kif ġej:	Ir-Regolament (UE) ***2021/1147*** huwa emendat kif ġej:

Or. en

Emenda 2571
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Fl-Artikolu 10(2) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Il-faċilità tematika għandha tkun ikkomplementata mill-Fond ta' Riżerva ta' Dublin imsemmi fl-Artikolu 20a ta' dan ir-Regolament."

Or. en

Emenda 2572
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a. Fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(da) appoġġ lill-Istati Membri għall-ispiża ta' akkoljenza ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali matul il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, f'konformità mal-Artikolu 13a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni];"

Or. en

Emenda 2573
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati*** Membri għandhom jirċievu***, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkulata skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(1),*** ammont ta' EUR 10 000 għal kull persuna ***ammessa permezz ta' risistemazzjoni jew ta' ammissjoni umanitarja***.	1. ***L-Istati Membri, jew Stati sħab minn pajjiż terz li jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Istati*** Membri ***biex jipproċessaw talbiet għal protezzjoni internazzjonali u jiffaċilitaw tali protezzjoni f'isimhom***, għandhom jirċievu ammont ta' EUR 10 000 għal kull persuna ***rilokata fiċ-ċentri ta' akkoljenza ta' dawk l-Istati terzi sħab***. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 19 tar-*

Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2574
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal ammont addizzjonali ta' EUR 10 000 għall-membri tal-familja ta' persuni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk il-persuni jiġu ***ammessi*** biex jiżguraw l-unità tal-familja.	2. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal ammont addizzjonali ta' EUR 10 000 għall-membri tal-familja ta' persuni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk ***dawk*** il-persuni jiġu ***rilokati fl-istess ċentru ta' akkoljenza tal-Istat terz sieħeb*** biex jiżguraw l-unità tal-familja. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2575
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ammont addizzjonali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat ***lill-programm tal-Istat Membru***. ***Il-finanzjament ma għandux jintuża għal azzjonijiet oħrajn fil-programm ħlief f'ċirkostanzi ġġustifikati b'mod xieraq u kif approvat mill-Kummissjoni permezz tal-emenda tal-programm.*** L-ammont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 jista' jiġi inkluż fl-applikazzjonijiet għall-ħlas lill-Kummissjoni, sakemm il-persuna li fir-rigward tagħha jkun ġie allokat l-ammont tkun ġiet risistemata jew ammessa.	4. L-ammont addizzjonali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat ***lill-Istat Membru li jwettaq ir-rilokazzjoni fi Stat terz sieħeb***.
	(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2576
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament 2021/1147
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-Istati*** Membri għandhom	5. ***Bl-unika fini li jiġu protetti l-***

iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati jew ammessi u tad-data tar-risistemazzjoni jew tal-ammissjoni tagħhom, filwaqt li għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-data.

interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ***kompetenti f'dak ir-rigward*** għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati jew ammessi u tad-data tar-risistemazzjoni jew tal-ammissjoni tagħhom, filwaqt li għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-data.

(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2577
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati ***jew ammessi u tad-data tar-risistemazzjoni jew tal-ammissjoni tagħhom, filwaqt li għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-data***.	5. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati ***fi Stat terz sieħeb***.

(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-

Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2578
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***
	(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2579
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) EUR ***[10 000]*** għal kull applikant li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli b'riżultat ta' rilokazzjoni skont l-Artikoli 48***, 53 u l-Artikolu 56*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni];	(a) EUR ***50 000*** għal kull applikant li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli b'riżultat ta' rilokazzjoni skont ***l-Artikolu 45(2) u*** l-Artikoli 48 ***u 53*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]; *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2580
Pietro Bartolo

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) EUR [10 000] għal kull applikant li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli	(a) EUR [10 000] għal kull applikant li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli

b'riżultat ta' rilokazzjoni skont l-Artikoli ***48, 53 u l-Artikolu 56*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni];	b'riżultat ta' rilokazzjoni skont l-Artikoli ***14 u 45*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]; *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2581
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) EUR [10 000] għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat skont l-Artikoli 53 u 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni];	(b) EUR [10 000] għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat***, inklużi benefiċjarji ta' status ta' rifuġjat prima facie,*** skont l-Artikoli 53 u 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]; *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-*

dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2582
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) EUR ***[10 000]*** għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat skont ***l-Artikoli 53 u 56*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni];	(b) EUR ***50 000*** għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat skont ***l-Artikoli 45(2) u l-Artikolu 53*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]; *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2583
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) EUR [10 000] għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	***imħassar***
	(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2584
Pietro Bartolo

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) EUR [10 000] għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż	***imħassar***

illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2585
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) EUR [10 000] għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	***imħassar***

(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil

(COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2586
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) EUR ***[10 000]*** għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu ***56*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni].	(c) EUR ***50 000*** għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu ***45(2)*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni]. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2587
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a)***, (b) u (c)*** tiżdied għal EUR [12 000] għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont l-Artikolu 48, l-Artikolu 53 u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni].	(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a) ***u (b)*** tiżdied għal EUR [12 000] għal kull minorenni mhux akkumpanjat ***jew persuna oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli*** rilokat skont l-Artikolu 48, l-Artikolu 53 u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2588
Pietro Bartolo

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a), (b) u (c) tiżdied għal EUR [12 000] għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont ***l-Artikolu 48, l-Artikolu*** 53 u ***l-Artikolu*** 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni].	(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a), (b) u (c) tiżdied għal EUR [12 000] għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont ***l-Artikoli 45***, 53 u 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni]. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2589
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a), (b) u (c) tiżdied għal EUR ***[12 000]*** għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont l-Artikolu 48, ***l-Artikolu*** 53 ***u l-Artikolu*** 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-	(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a), (b) u (c) tiżdied għal EUR ***60 000*** għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont l-Artikolu ***45(2) u l-Artikoli*** 48 ***u 53*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-

Migrazzjoni].	Migrazzjoni]. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*
	Or. en

Emenda 2590
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru għandu jirċievi kontribuzzjoni sinifikanti li tammonta għal mill-inqas nofs l-ispejjeż totali biex ikopri l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, inkluż il-finanzjament ta' ostakli fiżiċi fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.
	(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-

Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)

Or. en

Emenda 2591
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***L-Istati Membri*** għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex tkun possibbli l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni trasferiti u tad-data tat-trasferiment tagħhom, filwaqt li d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-data għandhom jipprevalu.	6. ***Bl-unika fini li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti f'dak ir-rigward*** għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex tkun possibbli l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni trasferiti u tad-data tat-trasferiment tagħhom, filwaqt li d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-data għandhom jipprevalu. *(L-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni fih emendi għat-test tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil (COM(2018)0471). Dak ir-regolament ġie sussegwentement adottat bħala r-Regolament (UE) 2021/1147 u bosta mid-dispożizzjonijiet tiegħu ġew innumerati mill-ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil], kif imsemmi fl-Artikolu 72 tal-proposta tal-Kummissjoni, jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.)*

Or. en

Emenda 2592
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1147
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 20a
	Il-Fond ta' Riżerva ta' Dublin
	1. "Fond ta' Riżerva ta' Dublin" jew "riżerva" huwa stabbilit għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].
	2. Il-penali finanzjarja u l-kumpens għall-ispiża ta' akkoljenza msemmija fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għandhom jitħallsu fir-riżerva.
	L-Istat Membru fejn l-applikant ikun preżenti għandu jiġi allokat l-ammont tal-kumpens permezz tar-riżerva.
	L-ammont totali tal-penali finanzjarja għandu jitqassam proporzjonalment bejn l-Istati Membri, bi prijorità lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw pressjoni migratorja, fejn rilevanti, sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2593
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 huwa mħassar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2594
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2595
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali rreġistrati minn [l-ewwel jum tat-tlettax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu]. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata qabel dik id-data għandu jiġi ddeterminat skont il-kriterji ddikjarati fir-Regolament (KE) Nru 604/2013.	Għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali rreġistrati minn [l-ewwel jum tat-tlettax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu]. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata qabel ***u wara*** dik id-data għandu jiġi ddeterminat skont il-kriterji ddikjarati fir-Regolament (KE) Nru 604/2013.

Or. en

Emenda 2596

Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 75 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.	Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati ***u l-kostituzzjonijiet nazzjonali tagħhom***.

Or. en

Emenda 2597
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà tat-Tfittxija u s-Salvataġġ skont l-Artikolu 47	***imħassar***
— Stat Membru Kontributur: ……	
— Nru ta' Referenza……. (Rev)[73] …..	
— Data tas-sottomissjoni:……	
[...]	
[...]	

_____

[73] ***Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet riveduti matul il-Forum ta' Solidarjetà.***

Or. fr

Emenda 2598
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà tat-Tfittxija u s-Salvataġġ skont l-Artikolu 47	***imħassar***
Stat Membru Kontributur: ……	
Nru ta' Referenza: (Rev)[73] …..	
Data tas-sottomissjoni:…	
[...]	
[...]	

_____

[73] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet riveduti matul il-Forum ta' Solidarjetà.

Or. en

Emenda 2599
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness I – subintestatura 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà tat-Tfittxija u s-Salvataġġ skont l-Artikolu 47	***imħassar***

Or. en

Emenda 2600
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness I – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— Nru ta' Referenza: (Rev)[73] …..	— Nru ta' Referenza: (Rev)[73] …..

[73] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet riveduti matul il-Forum ta' ***Solidarjetà***.

[73] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet ***volontarji*** riveduti matul il-Forum ta' ***Kontribuzzjonijiet Volontarji***.

Or. en

Emenda 2601
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà skont l-Artikolu 50	***imħassar***
— Stat Membru Benefiċjarju: ……	
— Stat Membru Kontributur: ……	
— Nru ta' Referenza: ……. (Rev)[74] …..	
— Data tas-sottomissjoni:…	
[...]	
Għandha timtela biss jekk ir-Rapport dwar il-Pressjoni Migratorja jidentifika l-ħtieġa għal miżuri bħal dawn skont l-Artikolu 49(3)(b)(iii):	
[...]	
[...]	

[74] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet riveduti matul il-Forum ta' Solidarjetà.

Or. en

Emenda 2602
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' ***Rispons ta' Solidarjetà*** skont l-Artikolu 50	Formola standard għall-istabbiliment ta' Pjan ta' ***Kontribuzzjonijiet Volontarji*** skont l-Artikolu 50

Or. en

Emenda 2603
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness II – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— Nru ta' Referenza: ……. (Rev)[74] …..	— Nru ta' Referenza: ……. (Rev)[74] …..
[74] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet riveduti matul il-Forum ta' ***Solidarjetà***.	[74] Referenza għar-reviżjoni li għandha tintuża fil-każ ta' kontribuzzjonijiet ***volontarji*** riveduti matul il-Forum ta' ***Kontribuzzjonijiet Volontarji***.

Or. en

Emenda 2604
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-formula għall-fattur tad-distribuzzjoni skont l-Artikolu ***52*** tar-Regolament:	Il-formula għall-fattur tad-distribuzzjoni skont l-Artikolu ***54*** tar-Regolament:

Or. en

Emenda 2605
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-effett tal-popolazzjoni$_{MS}$[76]	***(a) id-daqs tal-popolazzjoni (koeffiċjent ta' 40 %)***

_____

76 Għal żewġ Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.

Or. en

Emenda 2606
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-effett tal-popolazzjoni$_{MS}$[76]	L-effett tal-popolazzjoni$_{MS}$[76]

_____

[76] Għal ***żewġ*** Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.

_____

[76] Għal ***xi*** Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.

Or. en

Emenda 2607
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-effett tal-PDG$_{MS}$ [77]	***L-invers tal-proporzjon tal-popolazzjoni mwielda f'pajjiż terz***$_{MS}$ [77]
[77] Għal żewġ Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.	[77] Għal żewġ Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.

Or. en

Emenda 2608
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-effett tal-PDG$_{MS}$ [77]	***(b) il-PDG totali (koeffiċjent ta' 40 %)***[77]
[77] Għal żewġ Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.	[77] Għal żewġ Stati Membri l-parteċipazzjoni tiddependi mill-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Protokolli rilevanti u fi strumenti oħra.

Or. en

Emenda 2609
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) ir-rata tal-qgħad (ponderazzjoni ta' 20 %)

Or. en

Emenda 2610
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
$Sehem_{MS}$ = 50 % Effett tal-popolazzjoni$_{MS}$ + 50 % ***effett tal-PDG***$_{MS}$	$Sehem_{MS}$ = 50 % Effett tal-popolazzjoni$_{MS}$ + 50 % ***l-invers tal-proporzjon tal-popolazzjoni mwielda f'pajjiż terz***$_{MS}$

Or. en

Emenda 2611
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Anness IV

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-kontribuzzjoni għal Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà skont l-Artikolu 54	***imħassar***
— Stat Membru Benefiċjarju: …….	
— Stat Membru Kontributur: ……	
— Nru ta' Referenza: …….	
— Data tas-sottomissjoni:……	
[...]	

Or. en

Emenda 2612
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola standard għall-kontribuzzjoni għal Pjan ta' ***Rispons ta' Solidarjetà*** skont l-Artikolu 54	Formola standard għall-kontribuzzjoni għal Pjan ta' ***Kontribuzzjonijiet Volontarji*** skont l-Artikolu 54

Or. en